VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,723, 25 ta' Marzu, 2011
Taqsima B

A. L. 109 tal-2011

ATT DWAR SERVIZZI TA' L-IVVJAĠĠAR U TAT-TURIŻMU GĦAL MALTA (KAP. 409)

Regolamenti tal-2011 dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur (Kuntratti ta' *Timeshare*, Kuntratti dwar Prodotti ta' Btala għal Perjodu fit-Tul, Kuntratti ta' Bejgħ mill-Ġdid u Kuntratti ta' Skambju).

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 47 ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, il-Prim Ministru bir-rakkomandazzjoni tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-Titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur (Kuntratti ta' *Timeshare*, Kuntratti dwar Prodotti ta' Btala għal Perjodu fit-Tul, Kuntratti ta' Bejgħ mill-Ġdid u Kuntratti ta' Skambju).

Skop.

2. (1) Dawn ir-regolamenti jimplimentaw il-provvedimenti tad- Direttiva 2008/122/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 14 ta' Jannar 2009.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jikkontribwixxi għall-funzjonijiet bla xkiel tas-suq intern u jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni lejn il-konsumatur, billi tissaħħaħ iċ-ċertezza legali, il-provvedimenti regolatorji u amministrattivi fir-rigward ta' ċerti aspetti tas-suq, bejgħ jew bejġħ mill-ġdid ta' *timeshare*, prodotti ta' btajjel fit-tul kif ukoll skambju ta' kuntratti.

(3) Dawn ir-regolamenti japplikaw għal tranżazzjonijiet bejn in-negozjant u l-konsumatur u għanhom ikunu mingħajr preġudizzju ghall-liġijiet li :

(a) jipprovdu għal rimedji kuntrattwali b' mod ġenerali;

(b) għandhom x'jaqsmu mar-reġistrazzjoni ta' proprjetà immobbli jew mobbli u t-trasferiment ta' proprjetà immobbli;

(ċ) għandhom x'jaqsmu ma' kondizzjonijiet ta' stabbiliment jew skemi ta' awtorizzazzjoni jew rekwiżiti ta' liċenzjar; u

(d) għandhom x'jaqsmu mat-twaqqif ta' natura legali tad-drittijiet li huma soġġett għal-kuntratti koperti minn dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

3. (1) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra :

"akkomodazzjoni" tfisser kull faċilità mobbli jew immobbli għal skop ta' waqfiet bil-lejl;

"l-Att" tfisser l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta;

"avveniment" tfisser avveniment ta' promozzjoni jew bejgħ relatat ma prodott ta' *timeshare* u jew ta' prodott ta' btala fit-tul u, jew bejgħ mill-ġdid u, jew kuntratt ta 'skambju;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta;

"id-Direttur" tfisser id-Direttur tad-Direttorat ta' l-Infurzar ta' l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta;

"konsumatur" tfisser kull persuna li tkun qed taġixxi għal għanijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni ta' dik il-persuna;

"kummerċjant" tfisser persuna ġuridika li tkun qiegħda taġixxi għal skopijiet konnessi ma' kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni tagħha u kull minn jaġixxi f'isem jew għan-nom ta' kummerċjant;

"kuntratt anċillari" ifisser kuntratt li bih il-konsumatur jikseb servizzi li jkollhom x'jaqsmu ma' *timeshare* jew prodott ta' btala fit-tul u li huma provduti min-negozjant jew minn terza persuna fuq il-bażi ta 'arranġament bejn dik it-terza persuna u l-kummerċjant;

"kuntratt ta' bejgħ mill-ġdid" tfisser kuntratt li bih negozjant, bi ħlas, jassisti konsumatur biex ibigħ jew jixtri *timeshare* jew prodott ta' btala fit-tul;

"kuntratt ta' btala għal perjodu fit-tul" tfisser kuntratt ta' tul ta 'aktar minn sena li bih il-konsumatur primarjament jikkunsidra jakkwista id-dritt li jikseb skontijiet jew benefiċċji oħrajn fir-rigward ta' akkomodazzjoni, separatament jew flimkien ma' prodotti tal-ivvjaġġar jew servizzi oħra. Fil-kalkolu tat-tul ta' kuntratt ta' btala għal perjodu fit-tul għandu jittieħed kont ta' kull dispożizzjoni fil-kuntratt li tippermetti tiġdid ta`itu jew titwil;

"kuntratt ta' skambju" tfisser kuntratt li bih il-konsumatur, jista jikkunsidra li jissieħeb ma' sistema ta' skambju li tippermetti aċċess lil dak il-konsumatur għal akkomodazzjoni b'waqfiet bil-lejl jew servizzi oħrajn bi skambju għall-għoti ta' aċċess temporanju lil persuni oħra bl-istess benefiċċji u drittijiet li jirriżultaw minn kuntratt ta' *timeshare*;

"kuntratt ta '*timeshare*" tfisser kuntratt ta' tul ta' aktar minn sena li bih konsumatur, jikkunsidra jikseb id-dritt li juża wieħed jew aktar akkomodazzjonijiet għal waqfiet bil-lejl għal aktar minn perjodu wieħed ta' okkupazzjoni. Fil-kalkolu tat-tul ta' kuntratt ta' *timeshare* jittieħed kont ta' kull dispożizzjoni fil-kuntratt li tippermetti tiġdid ta`itu jew titwil;

"mezz durabbli" tfisser kull strument li jippermetti lil konsumatur jew il-kummerċjant li jaħżen informazzjoni indirizzata personalment lilu b'mod li tkun aċċessibbli għal referenza futura għal perjodu ta' żmien adegwat għall-iskopijiet ta' informazzjoni u li tippermetti r-riproduzzjoni mhux mibdula ta' l-istess informazzjoni maħżuna.

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għat-turiżmu;

"Stat Membru" tfisser Stat li jifforma parti ta' mill-Unjoni Ewropea;

"uffiċjal awtorizzat "tfisser kull uffiċjal maħtur u awtorizzat bil-miktub mill-Awtorità biex jeżerċita l-funzjonijiet mogħtija f'dawn ir-regolamenti.

Funzjonijiet tad-Direttur.

4. (1) Id-Direttur għandu jkollu dawn il-funzjonijiet:

(a) li jżomm taħt reviżjoni ġenerali prattiċi jew prattiċi proposti fir-rigward ta' kull obligu impost fuq kull persuna minn dawn ir-regolamenti;

(b) li jwettaq investigazzjonijiet ta' kull prattika jew prattiċi proposti bħal dawk fejn id-Direttur iqis li, fl-interess pubbliku, dawk l-investigazzjonijiet huma xierqa, jew meta l-Awtorità titlob lid-Direttur li jwettaq dawk l-investigazzjonijiet; u

(c) li jitlob lil persuni involuti fi prattiċi, jew li x'aktarx ikunu, jew qeghdin jieħdu sehem f'dawk il-pratti`i li huma, jew x'aktarx ikunu, kuntrarju għall-obligazzjonijiet imposti fuqhom b'dawn ir-regolamenti, biex iwaqqaf jew iżomm milli jsiru prattiċi bħal dawk.

(2) Id-Direttur jista jiddelega lil kull uffiċjal biex jeżerċita is-setgħat jew funzjonijiet oħra li joħorġu minn dawn ir-regolamenti.

Reklamar.

5. (1) Kull reklamar li jsir mill-kummerċjant, għandu jispeċifika il-possibilità li jikseb l-informazzjoni msemmija f' regolament 6 (1) u għandu jindika minn fejn tista tinkiseb dik l-informazzjoni.

(2) Meta kuntratt ta' *timeshare* ta' prodott ta' btala għal perjodu fit-tul, bejħ mill-ġdid jew skambju jkun qiegħed jiġi offrut lil xi konsumatur f'xi avveniment organiżżat, il-kummerċjant għandu jindika biċ-ċar fl-invit l-iskop kummerċjali u x-xorta tal-istedina ta' din l-attività.

(3) L-informazzjoni msemmija f' regolament 6 (1) trid tkun disponibbli ghal konsumatur mill-kummerċjant f'kull ħin matul l-avveniment.

(4) Prodotti ta' *timeshare* jew vaganzi fit-tul ma jistawx jigu kummerċjati jew mibjugħa bħala investiment.

Informazzjoni pre-kuntrattwali.

6. (1) Il-kummerċjant għandu minn żmien qabel b' mod ċar u trasparenti, jaghti informazzjoni eżatta u suffiċenti lill-konsumatur qabel ma' dan ikun marbut b'xi kuntratt jew offerta, din l-informazzjoni li ġejja:

(a) fil-każ ta' kuntratt ta' *timeshare*: permezz tal-formola ta' informazzjoni *standard* li tinsab fi Skeda I u informazzjoni kif hemm fil-Parti 3 tal-formola msemmija;

(b) fil-każ ta' kuntratt dwar prodott ta' btala għal perjodu fit-tul permezz tal-formola ta' informazzjoni *standard* li tinsab fi Skeda II u informazzjoni kif hemm fil-Parti 3 tal-formola msemmija;

(ċ) fil-każ ta' kuntratt ta' bejgħ mill-ġdid permezz tal-formola ta' informazzjoni *standard* li tinsab fi Skeda III u informazzjoni kif hemm fil-Parti 3 tal-formola msemmija;

(d) fil-każ ta' kuntratt ta' skambju: permezz tal-formola ta' informazzjoni *standard* li tinsab fi Skeda IV u informazzjoni kif hemm fil-Parti 3 tal-formola msemmija.

(2) L-informazzjoni msemmija f' regolament 6(1) għandha tingħata mingħajr ħlas mill-kummerċjant fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor li jkun faċilment aċċessibbli għall-konsumatur.

(3) L-informazzjoni msemmija f' regolament 6(1) għandha titfassal bil-lingwa jew b'waħda mill-lingwi tal-Istat Membru li fih ikun residenti, jew li tieghu jkun ċittadin, il-konsumatur, abbażi tal-għażla tal-konsumatur, sakemm tkun lingwa uffiċjali tal-Komunità Ewropea.

Kuntratt ta' bejgħ mill-ġdid jew l-iskambju ta' timeshare jew prodott ta' btala fit-tul.

7. (1) Meta dawn ir-regolamenti jkunu japplikaw għal xi kuntratt, dan ikun validu jekk:

(a) isir bil-miktub;

(b) isir fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor;

(ċ) jinkludi l-informazzjoni msemmija taħt regolament 6 (1);

(d) jinkludi l-identità, il-post ta' residenza u l-firma ta' kull waħda mill-partijiet;

(e) jinkludi d-data u l-post fejn ġie konkluż il-kuntratt;

(f) jitfassal f' lingwa jew lingwi tal-pajjiż li fih il-konsumatur hu residenti jew ċittadin, skond il-preferenza tieghu sakemm tkun lingwa uffiċjali tal-Komunità Ewropea:

Iżda, b'żjieda mar-regolament 7 (1), meta il-kummerċjant iwettaq attivitajiet ta' bejgħ f'Malta, għandu f'kull każ jipprovdi lill-konsumatur b' kuntratt miktub bilingwa Maltija jew Ingliża:

Iżda wkoll, meta l-konsumatur ikun residenti f'Malta, il-kummerċjant għandu:

(a) f'kull eventwalità jipprovdi lill-konsumatur kuntratt imfassal bil-Malti jew bl-Ingliż;

(b) meta l-kuntratt ta' *timeshare* jikkonċerna Stat Membru speċifiku, il-konsumatur għandu jigi provdut bi traduzzjoni ċertifikata tal-kuntratt magħmul fil-lingwa ta' dak l-Istat Membru;

(2) L-informazzjoni msemmija fir-regolament 6 (1) għanda tifforma parti integrali mill-kuntratt li għalih dawn ir-regolamenti japplikaw, u ma jkunux jistaw jinbidlu sakemm:

(a) il-partijiet jaqblu espliċitament b' mod ieħor; jew

(b) il-bdil jirriżulta minn ċirkostanzi mhux tassoltu u imprevedibbli lil hinn mill-kontroll tan-negozjant u li l-konsegwenzi ma setawx jiġu evitati anki jekk ittieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji;

Iżda kull bdil fl-informazzjoni msemmi fir-regolament 6(1) għandu jiġi komunikat lill-konsumatur bil-miktub fuq karta jew fuq mezz ieħor li jkun fa`ilment aċċessibli lilu qabel il-kuntratt jiġi konkluż u għandu jkun msemmi b'mod espli`itu fil-kuntratt.

(3) Qabel ma' jiġi konkluż il-kuntratt, il-kummerċjant għandu jiġbed l-attenzjoni tal-konsumatur fuq id-dritt li jista jirtira mill-kuntratt, iż-zmien tal-perjodu ta' irtirar kif stipulat f'regolament 8, u il- projbizzjoni ta' pagamenti bil-quddiem matul il-perjodu ta' irtirar kif provdut fir-regolament 9.

(4) Kull kuntratt jinkludi klawżoli kuntrattwali separati li jipprovdu d-dritt ta' irtirar mill-kuntratt, iż-zmien stipulat ghall-eżerċitu tad-dritt ta' irtirar u il-projbizzjoni ta' pagamenti bil-quddiem kif stipulat taħt dawn ir-regolamenti. Dik l-informazzjoni fil-forma ta' klawżoli għandha tkun inkluża fit-test tal-kuntratt, u il-klawżoli kuntrattwali separati għandhom jiġu iffirmati separatament mill-konsumatur.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(5) Kull kuntratt għandu jinkludi formola separata ta' rtirar *standard* kif hemm fi Skeda V, fejn l-irtirar jista jiġi eżerċitat kif provdut taħt regolament 8.

(6) Il-kummerċjant għandu jagħti kopja jew kopji tal-kuntratt lil konsumatur minnufih wara li l-kuntratt ikun ġie konkluż.

Dritt ta' Irtirar.

8. (1) Il-konsumatur għandu jkollu perjodu ta' erbatax-il jum biex jirtira mill-prodott ta' *timeshare* jew ta' prodott ta' btala għall-perjodu fit-tul, bejgħ mill-ġdid jew kuntratt ta' skambju mingħajr ma jagħti ebda raguni.

(2) Il-perjodu ta' rtirar għandu jiġi kalkulat:

(a) mid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt jew kull kuntratt preliminari vinkolanti; jew

(b) mid-data meta l-konsumatur jirċievi, b'posta reġistrata, il-kuntratt jew kull kuntratt preliminari vinkolanti li jorbot, meta l-kuntratt jew il-ftehim preliminari jasal aktar tard mid-data provduta f'paragrafu (a).

(3) Il-perjodu ta' rtirar għandu jiskadi:

(a) wara sena u erbatax-il jum mill-ġurnata msemmija fir-regolament 8 (2), meta fuq formula ta' rtirar separata msemmija fir-regolament 7 (5) ma tkunx ġiet mimlija mill-kummerċjant u provduta lill-konsumatur bil-miktub jew fuq mezz durabbli ieħor;

(b) wara tlett xhur u erbatax-il jum mill-ġurnata imsemmija fir-regolament 8 (2), meta l-informazzjoni msemmija f' regolament 6 (1) inkiuż il-formola *standard* applikabbli li tinsab fi Skedi I sa IV, ma tkunx provduta lill-konsumatur bil-miktub fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor.

(4) Meta l-formula *standard* separata mitluba taħt ir-regolament 7 (5) tkun ġiet mimlija mill-kummerċjant u mogħtija lill-konsumatur bil-miktub fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor fi żmien sena mid-data msemmija f' regolament 8 (2), għaldaqstant il-perjodu ta' rtirar msemmi f'dan ir-regolament jibda jiddekorri mill-ġurnata li l-konsumatur jirċievi dik il-formula permezz ta' ittra reġistrata.

(5) Meta l-informazjoni msemmija taħt ir-regolament 6 (1), inkiuż il-formola *standard* applikabbli li tinsab fi Skedi I sa IV, tkun provduta bil miktub lill-konsumatur fuq karta jew fuq mezz durabbli fi żmien tlett xhur mid-data msemmija fir-regolament 8 (2), għaldaqstant il-perjodu ta' rtirar għandu jibda jiddekorri mid-data li l-konsumatur jirċievi dik l-informazzjoni permezz ta' ittra reġistrata.

(6) Meta kuntratt ta' skambju jkun offrut lill-konsumatur fl-istess ħin ma' kuntratt ta' *timeshare*, perjodu wieħed biss skond ir-regolament 8 (1) għandu japplika għaż-żewġ kuntratti, u ż-zmien ta' rtirar għandu jiġi kalkulat skond regolament 8 (2) hekk kif japplikaw għall-kuntratt ta' *timeshare*.

(7) F' każ li l-konsumatur ikollu l-intenzjoni li jeżerċita d-dritt li jirtira, l-konsumatur għandu, qabel ma' jiskadi l-perjodu ta' rtirar jinforma lill-kummerċjant bil-miktub fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor id-deċiżjoni ta' rtirar permezz ta' ittra reġistrata. Il-konsumatur jista juża il-formola *standard* ta' rtirar li tinsab fi Skeda V u provduta mill-kummerċjant skond ir-regolament 6 (5). L-iskadenza għandha titqies li tkun ġiet sodisfatta jekk dak l-avviż jkun mibgħut qabel il-perjodu ta' rtirar ikun skada.

(8) Kull obbligu li jkun hemm biex isir kuntratt bejn il-partijiet jispiċċa hekk kif il-konsumatur jeżerċita id-dritt ta' rtirar.

(9) Fl-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar, il-konsumatur la għandu jġarrab xi spejjeż u lanqas m'għandu jkun responsabbli għal xi valur li jikkorrispondi għas-servizz li seta twettaq qabel l-irtirar.

Ħlas min qabel.

9. (1) Il-kummerċjant m'għandux jaċċetta pagamenti bil-quddiem, ogħti ta' garanziji, riżerva ta' flus f'kontijiet, rikonoxximent espliċitu ta' dejn jew kull korrispettiv ieħor mill-konsumatur fir-rigward ta' kuntratti ta' *timeshare*, kuntratti dwar prodotti ta' btala għal perjodu fit-tul u kuntratti ta' skambju, qabel ma jiskadi l-perjodu ta' rtirar kif stipulat f' regolament 8.

(2) Il-kummerċjant m'għandux jaċċetta pagamenti bil-quddiem, ogħti ta' garanziji, riżerva ta' flus f'kontijiet, rikonoxximent espliċitu ta' dejn jew kull korrispettiv ieħor mill-konsumatur fir-rigward ta' kuntratt ta' bejgħ mill-ġdid, qabel il-bejgħ reali jseħħ jew il-kuntratt ta' bejgħ mill-ġdid, ikun ipprojbit.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Kuntratti ta' prodotti ta' btala fit-tul.

10. (1) Għal kuntratti dwar prodotti ta' btala għal perjodu fit-tul, il-ħlas għandu jsir abbażi ta' skeda rateali ta' ħlas. Kull ħlas tal-prezz speċifikat fil-kuntratt diversament minn taħt l-iskeda rateali ta' ħlas lill-kummerċjant għandu jkun ipprojbit. Il-ħlasijiet, inkluż kull miżata ta' sħubija, għandhom jinqasmu fi ħlasijiet rateali annwali, li kull wieħed minnhom għandu jkun ta' valur ugwali. Il-kummerċjant għandu jibgħat talba bil-miktub għal ħlas, fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor, mill-inqas erbatax-il jum qabel kull data ta' għeluq.

(2) Mit-tieni ħlas rateali 'l quddiem, il-konsumatur jista' jtemm il-kuntratt mingħajr ma jġarrab xi penali billi javża lill-kummerċjant fi żmien erbatax-il jum minn meta jirċievi t-talba li jitħallas kull pagament rateali. Dan id-dritt m'għandux jinċidi fuq id-drittijiet eżistenti tat-terminazzjoni tal-kuntratt taħt il-liġi nazzjonali eżistenti.

Terminazzjoni ta' kuntratti anċillari.

11. (1) Meta il-konsumatur jeżerċita d-dritt ta' rtirar mill-kuntratt ta' *timeshare* jew mill-kuntratt dwar prodott ta' btala għal perjodu fit-tul, kull kuntratt ta' skambju anċillari għalih jew kull kuntratt anċillari ieħor jintemm awtomatikament, mingħajr ebda spiża għall-konsumatur.

A.L. 84 ta' 2005.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti ta' 2005 dwar Kreditu lill-Konsumatur, fejn il-prezz huwa kollu jew parzjalment kopert bi kreditu lill-konsumatur:

(a) mill-kummerċjant; jew

(b) parti terza abbażi ta' arranġament bejn il-parti terza u l-kummerċjant, il-ftehim ta' kreditu għandu jintemm, mingħajr ebda spiża għall-konsumatur, fejn il-konsumatur jeżerċita d-dritt ta' rtirar mill-kuntratt ta' *timeshare*, mill-kuntratt dwar il-prodott ta' btala għal perjodu fit-tul, mill-kuntratt ta' bejgħ mill-ġdid jew mill-kuntratt ta' skambju.

Liġi applikabbli.

12. (1) Meta l-liġi applikabbli hi dik Maltija, konsumaturi ma jistgħux jirrinunzjaw id-drittijiet mogħtija lilhom minn dawn ir-regolamenti.

(2) Meta l-liġi applikabbli hija dik ta' pajjiż terz, konsumaturi m'għandhomx jiċċaħħdu mill-protezzjoni mogħtija minn dawn ir-regolamenti jekk:

(a) kull waħda mill-proprjetajiet immobbli konċernata li għalih jkun jirreferi l-kuntratt tinsab fit-territorju ta' Malta; jew

(b) fil-każ ta' kuntratt li ma jkunx direttament relatat ma' proprjetà immobbli, il-kummerċjant iwettaq l-attivitajiet kummerċjali jew professjonali f' Malta, jew b'kull mezz, jindirizza dawk l-attivitajiet għal Malta u l-kuntratt jaqa' fl-ambitu ta' dawk l-attivitajiet.

Reati u Pieni.

13. (1) Kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 5, 6, 7 u 9 ta' dawn ir-regolamenti, tkun ħatja ta' reat, u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn elfejn, tlett mija u disa' u għoxrin euro (2,329), għal kull kontravenzjoni iżda fil-każ ta' ksur tar-regolament 9, minbarra l-piena relatata ma' dak ir-reat, il-persuna għandha tiġi kundannata tħallas lura lil konsumatur il-pagamenti bil-quddiem, id-dispożizzjoniji ta' garanziji, ir-riżerva ta' flus f'kontijiet, ir-rikonoxximent espliċitu ta' dejn jew kull korrispettiv ieħor bħala riżultat ta' dawk ir-reati.

(2) F'kull prosekuzzjoni kontra persuna akkużata b' wieħed mir-reati elenkati fir-regolament 13 (1), għandu jkun biżżejjed għall-prosekuzzjoni li tipproduċi d-dokumentazzjoni rilevanti awtentikata u ma jkunx hemm bżonn li jiġi prodott il-konsumatur waqt is-smieħ ta' xi kawża.

(3) Meta reat taħt dawn ir-regolamenti jkun sar minn entità korporattiva u jiġi pruvat li jkun ġie kommess bil-kunsens jew bil-qerq ta', jew li ġiet iffaċilitata minn xi negliġenza min-naħa ta' xi direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili ta' dak il-korp jew ta' xi persuna li kienet tidher li qed taġixxi f'xi kapaċità, dik il-persuna, kif ukoll dik l-entità korporattiva, għandhom ikunu ħatja ta' reat u għandhom ikunu soġġetti għal proċeduri kontrihom u kastigati daqs li kieku kienu ħatja ta' l-ewwel imsemmi reat.

Kap. 9.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell fil-Qorti tal-Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija fi proċeduri li jirriżultaw minn dawn ir-regolamenti.

Infurzar.

14. (1) Uffiċjal awtorizzat jista', għall-għan li jinkiseb tagħrif sabiex jippermettu lid- Direttur biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt dawn ir-regolamenti, fil-ħinijiet kollha raġonevoli u fuq il-produzzjoni, jekk meħtieġa, tal-kredenzjali tiegħu, jeżerċita s-setgħat li ġejjin:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) biex jitlob lil kull kummer`jant biex jagħti informazzjoni raġonevoli li l-uffiċjal jista jitlob fir-rigward ta' dik l-attività kummerċjali;

(b) biex iħarrek, f' ħin raġonevoli, kull kummerċjant biex jagħtih kull informazzjoni raġonevoli li jista' jitlob fir-rigward tan-negozju jew attività, u biex jipproduċu kull record li huma fil-kontroll ta' dik il-persuna.

15. Ir-Regolamenti tal-2000 dwar il-Protezzjoni ta' Xerrejja f'Kuntratti ta' Time Sharing fi Proprjetà Immobbli, qegħdin b'dawn jiġu revokati. Jirrevoka A.L. 269 ta' l-2000.

B 1656

SKEDA I

Regolament 6(1)(a)

FORMOLA TA' INFORMAZZJONI *STANDARD* DWAR KUNTRATTI TA' *TIMESHARE*:

Parti 1:

Identità, post ta' residenza u status legali tal-kummerċjant(i) li ser ikun(u) parti(jiet) kontraenti:

Deskrizzjoni fil-qasir tal-prodott (per eżempju d-deskrizzjoni tal-proprjetà immobbli):

Natura eżatta u kontenut tad-dritt(ijiet):

Il-perjodu eżatt li fih jista' jiġi eżerċitat id-dritt li jifforma s-suġġett tal-kuntratt u, jekk meħtieġ, it-tul tal-eżerċizzju tiegħu:

Data li fiha l-konsumatur jista' jibda jeżerċita d-dritt kuntrattwali tiegħu:

Jekk il-kuntratt jikkonċerna proprjetà speċifika li qiegħda tinbena, id-data meta l-akkomodazzjoni u s-servizzi/faċilitajiet ser ikunu lesti/disponibbli:

Prezz li għandu jitħallas mill-konsumatur biex jinkisbu d-dritt(ijiet):

Punti prinċipali tal-ispejjeż obbligatorji addizzjonali imposti taħt il-kuntratt; tip ta' spejjeż u indikazzjoni ta' ammonti (pereżempju miżati annwali, ħlasijiet rikorrenti oħrajn, imposti speċjali, taxxi lokali):

Sommarju ta' servizzi ewlenin disponibbli għall-konsumatur (pereżempju elettriku, ilma, manutenzjoni, ġbir ta' skart) u indikazzjoni tal-ammont li għandu jitħallas mill-konsumatur għalihom):

Sommarju ta' faċilitajiet disponibbli għall-konsumatur (pereżempju pixxina jew sawna):

Huma inklużi fl-ispejjeż indikati hawn fuq?

Jekk le, speċifika x'inhu inkluż u x'għandu jitħallas:

Hija possibbli sħubija fi skema ta' skambju?

Jekk iva, speċifika x'inhu l-isem tal-iskema ta' skambju:

Indikazzjoni tal-ispejjeż għal sħubija/skambju:

Il-kummerċjant iffirma kodiċi(ijiet) ta' kondotta, u jekk iva, fejn jista'/jistgħu jinstab(u)?

Parti 2:

Informazzjoni ġenerali:

Il-konsumatur għandu d-dritt li jirtira mill-kuntratt mingħajr ma jagħti l-ebda raġuni fi żmien 14-il jum mill-konklużjoni tal-kuntratt jew kull kuntratt preliminari vinkolanti jew mill-wasla ta' dawk il-kuntratti jekk dak iseħħ aktar tard.

Waqt il-perjodu ta' rtirar, kull ħlas bil-quddiem mill-konsumatur huwa projbit. Il-projbizzjoni tikkonċerna kull korrispettiv, inklużi ħlas, għoti ta' garanziji, riżerva ta' flus f'kontijiet, rikonoxximent espliċitu ta' dejn eċċ. Hija tinkludi mhux biss ħlas lill-kummerċjant, iżda anki lil partijiet terzi.

Il-konsumatur m'għandux ikollu spejjeż jew obbligi għajr dawk speċifikati fil-kuntratt.

Taħt id-dritt privat internazzjonali, il-kuntratt jista' jkun regolat minn liġi diversa mil-liġi tal-Istat Membru li fih il-konsumatur ikun residenti jew li fih ikollu d-domiċilju abitwali u disputi eventwali jistgħu jiġu riferuti lil qrati oħrajn diversi mill-qrati tal-Istat Membru li fih il-konsumatur ikun residenti jew li fih ikollu d-domiċilju abitwali.

_____

Firma tal-konsumatur:

Parti 3:

Informazzjoni addizzjonali li għandu dritt għaliha l-konsumatur u fejn tista' tinkiseb b'mod speċifiku (pereżempju, taħt liema kapitolu tal-opuskulu ġenerali) jekk mhux mogħtija hawn taħt:

B 1658

1. INFORMAZZJONI DWAR ID-DRITTIJIET MIKSUBA

Il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt li huwa l-oġġett tal-kuntratt fit-territorju ta' kull Stat(i) Membru(i) li fih(om) jinsab(u) il-proprjetà jew proprjetajiet konċernati u informazzjoni dwar jekk ġewx sodisfatti dawk il-kondizzjonijiet jew, jekk ma ġewx, liema kondizzjonijiet għad baqgħalhom jiġu sodisfatti;

Meta l-kuntratt jipprevedi drittijiet ta' okkupazzjoni ta' akkomodazzjoni li għandhom jintgħażlu minn grupp ta' akkomodazzjoni, informazzjoni dwar restrizzjonijiet rigward il-permess tal-konsumatur li juża kull akkomodazzjoni fil-grupp f'kull ħin;

2. INFORMAZZJONI DWAR IL-PROPRJETAJIET

Meta l-kuntratt jikkonċerna proprjetà immobbli speċifika, deskrizzjoni bir-reqqa u dettaljata ta' dik il-proprjetà u fejn tinsab; meta l-kuntratt jikkonċerna għadd ta' proprjetajiet (kumplessi multipli), deskrizzjoni adatta tal-proprjetajiet u fejn jinsabu; fejn il-kuntratt jikkonċerna akkomodazzjoni għajr proprjetà immobbli, deskrizzjoni adatta tal-akkomodazzjoni u l-faċilitajiet;

Is-servizzi (per eżempju elettriku, ilma, manutenzjoni, ġbir ta' skart) li għalihom il-konsumatur għandu jew ser ikollu aċċess u taħt liema kondizzjonijiet;

Fejn applikabbli, il-faċilitajiet komuni, bħalma huma l-pixxina, is-sawna, eċċ., li l-konsumatur għandu jew jista' jkollu aċċess għalihom u taħt liema kondizzjonijiet.

3. REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦAL AKKOMODAZZJONI LI QIEGĦDA TINBENA (fejn applikabbli)

L-istat tat-tlestija tal-akkomodazzjoni u s -servizzi li jagħmlu l-akkomodazzjoni operattiva għal kollox (gass, elettriku, ilma u linji tat-telefon) u kull faċilità li ser ikollu aċċess għaliha l-konsumatur;

Id-data ta' skadenza għat-tlestija tal-akkomodazzjoni u s-servizzi li jagħmluha operattiva għal kollox (gass, elettriku, ilma u linji tat-telefon) u stima raġonevoli għad-data ta' skadenza tat-tlestija ta' kull faċilità li għandu aċċess għaliha l-konsumatur;

In-numru tal-permess tal-bini u l-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) sħiħ(sħaħ) tal-awtorità jew awtoritajiet kompetenti;

garanzija rigward it-tlestija tal-akkomodazzjoni jew garanzija rigward ir-rimborż ta' kwalunkwe ħlas magħmul jekk l-akkomodazzjoni ma tkunx lesta u, fejn

ikun il-każ, il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-operat ta' dawk il-garanziji.

4. INFORMAZZJONI DWAR L-ISPEJJEŻ

Deskrizzjoni preċiża u adatta tal-ispejjeż kollha assoċjati mal-kuntratt ta' *timeshare*; kif dawn l-ispejjeż ser ikunu allokati lill-konsumatur u kif u meta jistgħu jinżdiedu tali spejjeż; il-metodu għall-kalkolu tal-ammont tal-ħlasijiet li jirrigwardaw l-okkupazzjoni tal-proprjetà, il-ħlasijiet statutarji mandatorji (per eżempju t-taxxi u l-miżati) u l-ispejjeż amministrattivi (per eżempju l-ġestjoni, il-manutenzjoni u t-tiswijiet);

Fejn applikabbli, informazzjoni dwar jekk hemmx spejjeż, ipoteki, impedimenti jew rabtiet oħra reġistrati kontra d-dritt għall-akkomodazzjoni;

5. INFORMAZZJONI DWAR IT-TERMINAZZJONI TAL-KUNTRATT

Fejn ikun il-każ, informazzjoni dwar l-arranġamenti għat-terminazzjoni ta' kuntratti anċillari u ta' arranġamenti ta' kreditu u l-konsegwenzi ta' tali terminazzjoni;

Kondizzjonijiet għat-terminazzjoni tal-kuntratt, il-konsegwenzi tat-terminazzjoni, u informazzjoni dwar kull responsabbiltà tal-konsumatur għal kull spiża li tista' tirriżulta minn dik it-terminazzjoni;

6. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Informazzjoni dwar kif ġew irranġati l-manutenzjoni u t-tiswijiet tal-proprjetà u l-amministrazzjoni u l-ġestjoni tagħha, inkluż jekk u kif il-konsumatur jista' jinfluwenza u jieħu sehem fid-deċiżjonijiet rigward dawn il-kwistjonijiet;

Informazzjoni dwar jekk hix possibbli jew le sħubija f'sistema għal bejgħ mill-ġdid tad-drittijiet kuntrattwali, informazzjoni dwar is-sistema relevanti u indikazzjoni tal-ispejjeż relatati mal-bejgħ mill-ġdid permezz ta' din is-sistema;

Indikazzjoni tal-lingwa(i) disponibbli għall-komunikazzjoni mal-kummerċjant fir-rigward tal-kuntratt, per eżempju fir-rigward tad-deċiżjonijiet ta' ġestjoni, iż-żieda fl-ispejjeż u l-indirizzar ta' mistoqsijiet u ilmenti;

Fejn applikabbli, il-possibbiltà għal riżoluzzjoni ta' tilwim barra l-qorti.

Konferma tar-riċevuta tal-informazzjoni:

_____

Firma tal-konsumatur:

SKEDA II

Regolament 6(1)(b)

FORMOLA TA' INFORMAZZJONI *STANDARD* GĦAL KUNTRATTI DWAR PRODOTTI TA' VAGANZA GĦALL-PERIJODU FIT-TUL

Parti 1:

Identità, post ta' residenza u status legali tal-kummerċjant(i) li ser ikun(u) parti(jiet) kontraenti:

Deskrizzjoni qasira tal-prodott:

Natura eżatta u kontenut tad-dritt(ijiet):

Il-perjodu eżatt li fih jista' jiġi eżerċitat id-dritt li jifforma s-suġġett tal-kuntratt u, jekk meħtieġ, it-tul tal-eżerċizzju tiegħu:

Data li fiha l-konsumatur jista' jibda jeżerċita d-dritt kuntrattwali tiegħu:

Prezz li għandu jitħallas mill-konsumatur biex jinkisbu d-dritt(ijiet), inklużi kull spiża rikorrenti li l-konsumatur jista' jistenna li jġarrab u li jirriżulta mid-dritt tiegħu li jikseb aċċess għall-akkomodazzjoni, l-ivvjaġġar u kull prodott jew servizz relatat kif speċifikat:

L-iskeda rateali ta' ħlas li tistabbilixxi ammonti ugwali ta' ħlasijiet rateali ta' dan il-prezz għal kull sena tat-tul tal-kuntratt ta' dan il-prezz u d-dati li fihom għandhom jitħallsu:

Wara sena, ammonti sussegwenti jistgħu jiġu aġġustati sabiex jiġi żgurat li jinżamm il-valur reali ta' dawk il-ħlasijiet rateali, per eżempju biex jittieħed kont tal-inflazzjoni.

Punti prinċipali tal-ispejjeż obbligatorji addizzjonali imposti taħt il-kuntratt; tip ta' spejjeż u indikazzjoni tal-ammonti (per eżempju miżati ta' sħubija annwali):

Sommarju ta' servizzi ewlenin disponibbli għall-konsumatur (per eżempju żjarat f'lukandi bi skont u vjaġġi):

Huma inklużi fl-ispejjeż indikati hawn fuq?

Jekk le, speċifika x'inhu inkluż u x'għandu jitħallas (per eżempju żjara ta' tlitt iljieli inkluża fil-miżata tas-sħubija annwali, l-akkomodazzjoni l-oħra kollha għandha titħallas separatament):

Il-kummerċjant iffirma kodiċi(ijiet) ta' kondotta, u jekk iva, fejn jista'/jistgħu jinstab(u)?

Parti 2:

Informazzjoni ġenerali:

Il-konsumatur għandu d-dritt li jirtira mill-kuntratt mingħajr ma jagħti l-ebda raġuni fi żmien 14-il jum mill-konklużjoni tal-kuntratt jew kull kuntratt preliminari vinkolanti jew mir-riċezzjoni ta' dawk il-kuntratti jekk dak iseħħ aktar tard.

Waqt il-perjodu ta' rtirar, kull ħlas bil-quddiem mill-konsumatur huwa projbit. Il-projbizzjoni tikkonċerna kull korrispettiv, inklużi ħlas, għoti ta' garanziji, riżerva ta' flus f'kontijiet, rikonoxximent espliċitu ta' dejn eċċ. Hija tinkludi mhux biss ħlas lill-kummerċjant, iżda anki lil partijiet terzi.

Il-konsumatur għandu d-dritt li jtemm il-kuntratt mingħajr ma jġarrab xi penali billi jinnotifika lill-kummerċjant fi żmien 14-il jum minn meta jirċievi t-talba għal ħlas ta' kull ħlas rateali annwali.

Il-konsumatur m'għandux ikollu spejjeż jew obbligi għajr dawk speċifikati fil-kuntratt.

Taħt id-dritt privat internazzjonali, il-kuntratt jista' jkun regolat minn liġi diversa mil-liġi tal-Istat Membru li fih il-konsumatur ikun residenti jew li fih ikollu d-domiċilju abitwali u disputi eventwali jistgħu jiġu riferuti lil qrati oħrajn diversi mill-qrati tal-Istat Membru li fih il-konsumatur ikun residenti jew li fih ikollu d-domiċilju abitwali.

_____

Firma tal-konsumatur:

Parti 3:

Informazzjoni addizzjonali li għandu dritt għaliha l-konsumatur u fejn tista' tinkiseb b'mod speċifiku (per eżempju, taħt liema kapitolu tal-opuskulu ġenerali) jekk mhux mogħtija hawn taħt:

1. INFORMAZZJONI DWAR ID-DRITTIJIET MIKSUBA

Deskrizzjoni adatta u korretta ta' skontijiet disponibbli għal prenotazzjonijiet

futuri, murija b'għadd ta' eżempji ta' offerti reċenti;

Informazzjoni dwar ir-restrizzjonijiet rigward il-ħila tal-konsumatur li juża d-drittijiet, bħad-disponibilità limitata jew offerti provduti konformement mal-prinċipju ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, limiti ta' żmien fuq skemi promozzjonali partikolari u skontijiet speċjali;

2. INFORMAZZJONI DWAR IT-TERMINAZZJONI TAL-KUNTRATT

Meta jkun il-każ, informazzjoni dwar l-arranġamenti għat-terminazzjoni ta' kuntratti anċillari u ta' arranġamenti ta' kreditu u l-konsegwenzi ta' dik it-terminazzjoni;

Kondizzjonijiet għat-terminazzjoni tal-kuntratt, il-konsegwenzi tat-terminazzjoni, u informazzjoni dwar kull responsabbiltà tal-konsumatur għal kull spiża li tista' tirriżulta minn dik it-terminazzjoni;

3. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Indikazzjoni tal-lingwa(i) disponibbli għall-komunikazzjoni mal-kummerċjant fir-rigward tal-kuntratt, per eżempju fir-rigward tal-indirizzar ta' mistoqsijiet u ilmenti;

Fejn applikabbli, il-possibbiltà għal riżoluzzjoni ta' tilwim barra l-qorti.

Konferma tar-riċevuta tal-informazzjoni:

_____

Firma tal-konsumatur:

SKEDA III

Regolament 6(1)(ċ)

FORMOLA TA' INFORMAZZJONI *STANDARD* GĦAL KUNTRATTI TA' BEJGĦ MILL-ĠDID:

Parti 1:

Identità, post ta' residenza u status legali tal-kummerċjant(i) li ser ikun(u) parti(jiet) kontraenti:

Deskrizzjoni fil-qosor tas-servizzi (per eżempju kummerċjalizzazzjoni):

Tul tal-kuntratt:

Prezz li għandu jitħallas mill-konsumatur biex jinkisbu s-servizzi:

Punti prinċipali tal-ispejjeż obbligatorji addizzjonali imposti taħt il-kuntratt; tip ta' spejjeż u indikazzjoni ta' ammonti (per eżempju taxxi lokali, onorarji notarili, spiża tar-reklamar):

Il-kummerċjant iffirma kodiċi(ijiet) ta' kondotta, u jekk iva, fejn jista'/jistgħu jinstab(u)?

Parti 2:

Informazzjoni ġenerali:

Il-konsumatur għandu d-dritt li jirtira mill-kuntratt mingħajr ma jagħti l-ebda raġuni fi żmien 14-il jum mill-konklużjoni tal-kuntratt jew kull kuntratt preliminari vinkolanti jew mir-riċezzjoni ta' dawk il-kuntratti jekk dak iseħħ aktar tard.

Kull ħlas bil-quddiem mill-konsumatur huwa projbit sakemm iseħħ il-bejgħ proprju jew inkella l-kuntratt ta' bejgħ mill-ġdid jintemm. Il-projbizzjoni tikkonċerna kull korrispettiv, inklużi ħlas, għoti ta' garanziji, riżerva ta' flus f'kontijiet, rikonoxximent espliċitu ta' dejn eċċ. Hija tinkludi mhux biss ħlas lill-kummerċjant, iżda anki lil partijiet terzi.

Il-konsumatur m'għandux ikollu spejjeż jew obbligi għajr dawk speċifikati fil-kuntratt.

Taħt id-dritt privat internazzjonali, il-kuntratt jista' jkun regolat minn liġi diversa mil-liġi tal-Istat Membru li fih il-konsumatur ikun residenti jew li fih ikollu

d-domiċilju abitwali u disputi eventwali jistgħu jiġu riferuti lil qrati oħrajn diversi mill-qrati tal-Istat Membru li fih il-konsumatur ikun residenti jew li fih ikollu d-domiċilju abitwali.

_____

Firma tal-konsumatur:

Parti 3:

Informazzjoni addizzjonali li għandu dritt għaliha l-konsumatur u fejn tista' tinkiseb b'mod speċifiku (per eżempju, taħt liema kapitolu tal-opuskulu ġenerali) jekk mhux mogħtija hawn taħt:

Kondizzjonijiet għat-terminazzjoni tal-kuntratt, il-konsegwenzi tat-terminazzjoni u informazzjoni dwar ir-responsabbilta' tal-konsumatur għal kull spiża li tirriżulta minn dik it-terminazzjoni;

Indikazzjoni tal-lingwa(i) disponibbli għall-komunikazzjoni mal-kummerċjant, fir-rigward tal-kuntratt, per eżempju fir-rigward tal-indirizzar ta' mistoqsijiet u ilmenti;

Fejn applikabbli, il-possibbiltà għal riżoluzzjoni ta' tilwim barra l-qorti.

Konferma tar-riċevuta tal-informazzjoni:

_____

Firma tal-konsumatur:

SKEDA IV

Regolament 6(1)(d)

FORMOLA TA' INFORMAZZJONI *STANDARD* GĦAL KUNTRATTI TA' SKAMBJU:

Parti 1:

Identità, post ta' residenza u status legali tal-kummerċjant(i) li ser ikun(u) parti(jiet) kontraenti:

Deskrizzjoni qasira tal-prodott:

Natura eżatta u kontenut tad-dritt(ijiet):

Il-perijodu eżatt li fih jista' jiġi eżerċitat id-dritt li huwa jifforma s-suġġett tal-kuntratt u, jekk meħtieġ, it-tul tal-eżerċizzju tiegħu:

Data li fiha l-konsumatur jista' jibda jeżerċita d-dritt kuntrattwali tiegħu:

Prezz li għandu jitħallas mill-konsumatur għall-miżati ta' sħubija ta' skambju:

Punti prinċipali tal-ispejjeż obbligatorji addizzjonali imposti taħt il-kuntratt; tip ta' spejjeż u indikazzjoni tal-ammonti (per eżempju miżati ta' tiġdid, ħlasijiet rikorrenti oħrajn, imposti speċjali, taxxi lokali):

Sommarju ta' servizzi ewlenin disponibbli għall-konsumatur:

Huma inklużi fl-ispejjeż indikati hawn fuq?

Jekk le, speċifika dak li hu inkluż u dak li għandu jitħallas (tip ta' spejjeż u indikazzjoni ta' ammonti; per eżempju stima tal-prezz li għandu jitħallas għal transazzjonijiet ta' skambju individwali, inkluż kull ħlas addizzjonali):

Il-kummerċjant iffirma kodiċi/jiet ta' kondotta, u jekk iva, fejn jista'/jistgħu jinstab(u)?

Parti 2:

Informazzjoni ġenerali:

Il-konsumatur għandu d-dritt li jirtira mill-kuntratt mingħajr ma jagħti l-ebda

raġuni fi żmien 14-il jum mill-konklużjoni tal-kuntratt jew kull kuntratt preliminari vinkolanti jew mir-riċezzjoni ta' dawk il-kuntratti jekk dak iseħħ aktar tard. Fil-każijiet fejn il-kuntratt ta' skambju jiġi offrut flimkien ma' u fl-istess ħin tal-kuntratt ta' *timeshare*, għandu japplika biss perjodu ta' rtirar wieħed għaż-żewġ kuntratti.

Waqt il-perjodu ta' rtirar, kull ħlas bil-quddiem mill-konsumatur huwa projbit. Il-projbizzjoni tikkonċerna kull korrispettiv, inklużi ħlas, għoti ta' garanziji, riżerva ta' flus f'kontijiet, rikonoxximent espliċitu ta' dejn eċċ. Hija tinkludi mhux biss ħlas lill-kummerċjant, iżda anki lil partijiet terzi.

Il-konsumatur m'għandux ikollu spejjeż jew obbligi għajr dawk speċifikati fil-kuntratt.

Taħt id-dritt privat internazzjonali, il-kuntratt jista' jkun regolat minn liġi diversa mil-liġi tal-Istat Membru li fih il-konsumatur ikun residenti jew li fih ikollu d-domiċilju abitwali u disputi eventwali jistgħu jiġu riferuti lil qrati oħrajn diversi mill-qrati tal-Istat Membru li fih il-konsumatur ikun residenti jew li fih ikollu d-domiċilju abitwali.

_____

Firma tal-konsumatur:

Parti 3:

Informazzjoni addizzjonali li għandu dritt għaliha l-konsumatur u fejn tista' tinkiseb b'mod speċifiku (per eżempju, taħt liema kapitolu tal-opuskulu ġenerali) jekk mhux mogħtija hawn taħt:

1. INFORMAZZJONI DWAR ID-DRITTIJIET MIKSUBA

Spjegazzjoni dwar kif taħdem is-sistema ta' skambju; il-possibbiltajiet u l-modalitajiet għal skambju; indikazzjoni tal-valur allokat lit-*timeshare* tal-konsumatur fis-sistema ta' skambju u għadd ta' eżempji ta' possibbiltajiet ta' skambju konkreti;

Indikazzjoni tal-għadd ta' kumplessi disponibbli u l-għadd ta' membri fis-sistema ta' skambju, inkluż kull limitazzjoni fuq id-disponibbiltà ta' akkomodazzjoni partikolari magħżula mill-konsumatur, per eżempju bħala riżultat tal-aqwa żminijiet għad-domanda, il-ħtieġa potenzjali biex prenotazzjoni issir ħafna bil-quddiem, u indikazzjonijiet ta' kull restrizzjoni fuq l-għażla li tirriżulta mid-drittijiet ta' *timeshare* depożitati fis-sistema ta' skambju mill-konsumatur;

2. INFORMAZZJONI DWAR IL-PROPRJETAJIET

Deskrizzjoni fil-qosor u adatta tal-proprjetajiet u fejn jinsabu; fejn il-kuntratt jikkonċerna akkomodazzjoni għajr proprjetà immobbli, deskrizzjoni adatta tal-akkomodazzjoni u l-faċilitajiet; deskrizzjoni ta' fejn il-konsumatur jista' jikseb aktar informazzjoni;

3. INFORMAZZJONI DWAR L-ISPEJJEŻ

Informazzjoni dwar l-obbligu tal-kummerċjant li jagħti dettalji qabel ma jiġi rranġat l-iskambju, fir-rigward ta' kull skambju propost, ta' kull ħlas addizzjonali li huwa responsabbli għalih il-konsumatur fir-rigward tal-iskambju;

4. INFORMAZZJONI DWAR IT-TERMINAZZJONI TAL-KUNTRATT

Meta jkun il-każ, informazzjoni dwar l-arranġamenti għat-terminazzjoni ta' kuntratti anċillari u ta' arranġamenti ta' kreditu u l-konsegwenzi ta' dik it-terminazzjoni;

Il-kondizzjonijiet għat-terminazzjoni tal-kuntratt, il-konsegwenzi ta' dik it-terminazzjoni, u l-informazzjoni dwar kull responsabbiltà tal-konsumatur għal kull spiża li tista' tirriżulta minn dik it-terminazzjoni.

5. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Indikazzjoni tal-lingwa(i) disponibbli għall-komunikazzjoni mal-kummerċjant, fir-rigward tal-kuntratt, per eżempju fir-rigward tal-indirizzar ta' mistoqsijiet u ilmenti;

fejn applikabbli, il-possibbiltà għar-riżoluzzjoni ta' disputi barra l-qorti.

Konferma tar-riċevuta tal-informazzjoni:

_____

Firma tal-konsumatur:

B 1668

SKEDA V

Regolament 7(5)

FORMOLA TA' RTIRAR *STANDARD* SEPARATA LI TIFFAĊILITA D-DRITT GĦALL-IRTIRAR

Dritt għall-irtirar

Il-konsumatur għandu d-dritt jirtira minn dan il-kuntratt fi żmien 14-il jum mingħajr ma jagħti l-ebda raġuni.

Id-dritt għall-irtirar jibda minn … (li għandha tiġi mimlija mill-kummerċjant qabel ma' jipprovdi l-formola lill-konsumatur).

Meta l-konsumatur ma jkunx irċieva din il-formola, il-perjodu ta' rtirar jibda meta l-konsumatur ikun irċieva din il-formola, iżda jiskadi f'kull każ wara sena u 14-il jum.

Meta l-konsumatur ma jkunx irċieva l-informazzjoni meħtieġa kollha, il-perjodu ta' rtirar jibda meta l-konsumatur ikun irċieva dik l-informazzjoni, iżda jiskadi f'kull każ wara 3 xhur u 14-il jum.

Biex jiġi eżerċitat id-dritt għall-irtirar, il-konsumatur għandu jinnotifika lill-kummerċjant billi juża l-isem u l-indirizz indikati hawn taħt bl-użu ta' mezz durabbli (per eżempju ittra bil-miktub mibgħuta bil-posta, bil-posta elettronika). Il-konsumatur jista' juża din il-formola, iżda dan mhux obbligatorju.

Jekk il-konsumatur juża d-dritt għall-irtirar, il-konsumatur ma jkun responsabbli għall-ebda spiża.

Barra d-dritt għall-irtirar, ir-regoli nazzjonali dwar il-liġi kontrattwali jistgħu jipprevedu drittijiet għall-konsumatur, per eżempju biex itemm il-kuntratt f'każ ta' ommissjoni ta' informazzjoni.

Projbizzjoni fuq il-ħlas bil-quddiem

Waqt il-perjodu ta' rtirar, kull ħlas bil-quddiem mill-konsumatur huwa pprojbit. Il-projbizzjoni tikkonċerna kull korrispettiv, inklużi ħlas, għoti ta' garanziji, riżerva ta' flus f'kontijiet, rikonoxximent espliċitu ta' dejn eċċ.

Hija tinkludi mhux biss ħlas lill-kummerċjant, iżda anki lil partijiet terzi.

Avviż tal-irtirar

Lil (l-isem u l-indirizz tal-kummerċjant) (*):

Jiena/Aħna (**) b'dan navża(w) (**) li jiena/aħna (**) nirtira(w) (**) mill-kuntratt

Data ta' konklużjoni tal-kuntratt (*):

Isem/ismijiet tal-konsumatur(i) (***):

L-indirizz(i) tal-konsumatur(i) (***):

Firma/firem tal-konsumatur(i) (biss jekk din il-formola tiġi nnotifikat fuq karta) (***):

Data (***):

(*) Tiddaħħal mill-kummerċjant qabel ma jagħti l-formola lill-konsumatur

(**) Ħassar kif xieraq

(***) Għandha tiġi mimlija mill-konsumatur(i) fejn tintuża din il-formola sabiex jirtira(w) mill-kuntratt

Konferma tar-riċevuta tal-informazzjoni:

_____

Firma tal-konsumatur: